A.L. 101 ta' l-1997

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata

BIS-SAHHA tas-setghat moghtija bl-artikolu 17 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, bl-artikolu 93 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Kummissarju tal-Pulizija, bil-parir tal-Bord ghall-Kontroll tat-Traffiku, ghamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-sehh.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistghu jissejhu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, u ghandhom jinqraw u jiftiehmu haġa wahda mar-Regolamenti ta' l-1969 dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejha "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 94 ta' l-1969.

(2) Dawn ir-regolamenti ghandhom jibdew isehhu fl-1 ta' Awissu, 1997.

Jemenda t-Taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-taqsima II ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali fil-paragrafu D taghha, minnufih wara s-subparagrafu (d) ghandu jidhol dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(e) Is-sinjal li jindika TOW ZONE (Żona ta' Rmonk) f'Nru. (10) juri li oġġett ta' ingombru ikun ipparkjat jew imholli f'żona fejn jista' jiġi rmunkat. L-Ghassa tal-Pulizija u n-Numru tat-Telephone ta' dik l-Ghassa, li jkunu jvarjaw, jindikaw skond il-każ il-proċeduri li jkunu jridu jiġu segwiti ghat-tehid lura ta' dak l-oġġett.

Is-sinjal li jindika CLAMPING ZONE (Żona ta' Klampjar) f'Nru. (11) juri li l-vettura bil-mutur tkun ipparkjata jew imhollija f'żona fejn jistghu jitwahhlulha klampi mar-roti. Avviż li jkun jindika l-proċeduri li jkunu jridu jiġu segwiti ghat-tnehhija tal-klamp jitwahhal mal-*windscreen* tal-vettura bil-mutur.

Fiż-żewġ każijiet, iż-żona dejjem tiġi indikata bħala żona fejn MA TISTAX TIEQAF.

(10)



(11)



".